MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI

# (GHAWDEX) BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.

## NEVILLE CAMILLERI

Seduta tas-26 ta' Mejju, 2015

Numru. 856/2009

**Il-Pulizija**
**(Spettur Josric Mifsud)**

**vs.**

**Lawrence Muscat**

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra l-imputat **Lawrence Muscat**, bin Paul u Maria Stella neé Stellini, imwieled fil-15 ta' Ottubru, 1952, residenti fil-fond 89, Stella Maris, Triq San Gwann, Nadur, Ghawdex u detentur tal-Karta tal-Identita' bin-Numru 66252(G), akkuzat talli fl-20 ta' Novembru 2009 ghall-habta ta' 18:00hrs gewwa Sqaq Dun Karm Caruana, Nadur, Ghawdex:

1. volontarjament kiser il-bon ordni u l-paci pubblika b'ghajjat u glied;

2. insulenta bi kliem lil Wilfred Camilleri;

3. hebb ghall-persuna ta' Wilfred Camilleri u kkagunalu ferita ta' natura hafifa skont kif iccertifika Dr. Joseph Vella MD.

Il-Qorti giet mitluba li, f'kaz ta' htija, tapplika l-Artikolu 383 tal-Kapitolu 9.

Rat id-dokumenti esebiti u l-atti processwali kollha ta' dan il-kaz u kif ukoll l-atti kollha taz-zewg kawzi mismugha mal-kawza odjerna.

Rat illi din il-kawza giet assenjata lil din il-Qorti kif preseduta b'digriet datat 30 ta' April 2014 moghti mis-Sinjurija Tieghu l-Prim'Imhallef (*a fol.* 138).

Rat id-digriet moghti minn il-Qorti kif preseduta fis-7 ta' Mejju 2014 (*a fol.* 141).

Rat illi, fis-seduta tal-14 ta' Ottubru 2014 (*a fol.* 143 u 144), il-Prosekuzzjoni, il-*parte civile* u d-difiza ezentaw lill-Qorti kif preseduta milli terga' tisma x-xhieda kollha li kienu diga nstemghu minn din il-Qorti kif diversament preseduta qabel din il-kawza giet assenjata lil din il-Qorti kif preseduta.

Rat in-Nota ta' Sottomissjonijiet ta' Dr. Angele Formosa ghan-nom ta' Carmel Muscat u Lawrence Muscat ipprezentata fil-25 ta' Frar 2014 (*a fol.* 130 *et seq.*).

Rat in-Nota ta' Sottomissjonijiet ta' Wilfred Camilleri pprezentata fid-19 ta' Jannar 2015 (*a fol.* 145 *et seq.*).

Rat illi, minkejja dak verbalizzat fis-seduta tal-14 ta' Ottubru 2014 (*a fol.* 143 u 144), il-Prosekuzzjoni baqghet ma pprezentat l-ebda Nota ta' Sottomissjonijiet minkejja li giet moghtija l-fakolta' li taghmel hekk fi zmien stabbilit.

Rat illi din il-kawza kienet qed tinstema flimkien ma' zewg kawzi ohra fl-ismijiet **Il-Pulizija vs. Wilfred Camilleri** (Kumpilazzjoni Numru 93/2009) u **Il-Pulizija vs. Carmel Muscat** (Kawza Distrett Numru 855/2009) f'liema zewg kawzi msemmija, fis-seduta tas-27 ta' Jannar 2015 (*a fol.* 383 u 102 rispettivament tal-kawzi msemmija), il-Qorti laqghet talba sabiex il-provi migbura fil-kawzi msemmija jkunu japplikaw ghall-kawza odjerna.

**Ikkunsidrat**

Illi, stante li din il-kawza kienet qed tinstema flimkien maz-zewg kawzi msemmija hawn fuq, il-Qorti, a skans ta' ripetizzjoni u ghall-korrettezza u sabiex jigu evitati kumplikazzjonijiet bla bzonn, taghmel riferenza ghas-sentenza **Il-Pulizija vs. Wilfred Camilleri** (Kumpilazzjoni Numru 93/2009) deciza llum precizament ghal dik il-parti tas-sentenza msemmija fejn issir riferenza ghax-xhieda mismugha u ghad-dokumenti pprezentati liema parti tas-sentenza msemmija ghandha tifforma parti minn din is-sentenza (vs.

Lawrence Muscat). Dan jghodd ukoll ghal dik il-parti tas-sentenza msemmija fejn saru l-kunsiderazzjonijiet li saru qabel l-imputazzjonijiet *per se* gew kunsidrati wahda wahda. Ghaldaqstant, anqas l-imputat fil-kawza odjerna ma huwiex f'pozizzjoni li jinvoka l-legittima difesa jew li gie provokat.

**L-Ewwel (1) Imputazzjoni**

**(Ksur ta' Bon-Ordni jew il-Kwiet Pubbliku)**:

Illi, fir-rigward ta' din l-imputazzjoni, il-Qorti ser timxi ma' gurisprudenza kostanti li kontravenzjoni taht l-Artikolu 338(dd) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta hija dik li fil-Ligi Ingliża hija *'a breach of public peace'*. Dan ifisser li persuni ohra jkunu beżghu ghall-inkolumita' taghhom waqt l-incident. M'hemmx dubju li dan jirrizulta fil-kaz odjern. Ghaldaqstant, l-imputat ser jigi misjub hati ta' din l-imputazzjoni.

**It-Tieni (2) Imputazzjoni**

**(Insulti):**

Illi din l-imputazzjoni ma tirrizultax u b'hekk l-imputat ser jigi liberat minnha.

**It-Tielet (3) Imputazzjoni**

**(Hebb u Feriti ta' Natura Hafifa fil-konfront ta' Wilfred Camilleri):**

Illi mill-provi prodotti u tenut kont ta' dak kollu li jirrizulta mill-atti processwali u kif svolga l-argument, jirrizulta li l-imputat u huh Carmel Muscat effettivament hebbew ghal Wilfred Camilleri.

Illi, fir-rigward ta' dik il-parti tat-tielet (3) imputazzjoni fejn l-imputat qed jigi akkuzat li kkawza griehi ta' natura hafifa fuq il-persuna ta' Wilfred Camilleri, il-Qorti tinnota li Wilfred Camilleri spjega kif Carmel Muscat beda jaghtih daqqiet b'hadida u kif Lawrence Muscat beda jaghtih bil-ponn. Da parte tieghu, Dr. Joseph Vella (*a fol.* 4) ikkonferma c-certifikat mediku rilaxxat minnu fl-20 ta' Novembru 2009 fir-rigward ta' Wilfred Camilleri f'liema certifikat (Dok. "JV" – *a fol.* 5) ikklassifika l-griehi sofferti minn Camilleri bhala ta' natura hafifa. Wara li l-Qorti hadet in konsiderazzjoni dan kollu u li dak li xehdu Dr. Antonin Pechar, Dr. Nathalie Ellis, Dr. Victor Curmi, Dr. Anna Maria Abela u Dr. Kristian Vella, il-Qorti ma jibqghalha l-ebda dubju li anke t-tieni parti tat-tielet (3) imputazzjoni migjuba fil-konfront tal-imputat giet sodisfacentement pruvata u b'hekk l-imputat ser jigi misjub hati taghha.

**Ikkunsidrat**

Illi huma biss l-ewwel (1) u t-tielet (3) imputazzjonijiet addebitati fil-konfront tal-imputat li gew sodisfacentement pruvati.

**I**lli, fir-rigward tal-piena li ghandha tigi nflitta fil-konfront tal-imputat, il-Qorti ser tiehu diversi fatturi in konsiderazzjoni, fosthom: in-natura tal-imputazzjonijiet li gew addebitati fil-konfront tal-imputat u li jirrizultaw pruvati, u l-fatt li dan l-argument kien jinvolvi wkoll kwerelant li huwa wkoll imputat f'kawza li kienet qed tinstema' flimkien ma' din il-kawza. Tenut kont ta' dan kollu, il-Qorti hija tal-fehma li ghandu jigi applikat l-Artikolu 22 tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta' Malta.

Ghal dawn il-motivi, il-Qorti, filwaqt li, fuq nuqqas ta' provi, ma ssibx lill-imputat hati tat-tieni (2) imputazzjoni migjuba fil-konfront tieghu u b'hekk tilliberah minnha, wara li rat Artikoli 215, 221(1), 338(dd), u 339(1)(d) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, issib lill-imputat Lawrence Muscat hati tal-ewwel (1) u tat-tielet (3) imputazzjonijiet migjuba kontra tieghu izda fid-dawl tal-kunsiderazzjonijiet hawn fuq maghmula u b'applikazzjoni tal-Artikolu 22 tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta' Malta, il-Qorti qed tillibera lill-imputat bil-kundizzjoni li ma jikkommettiex reat iehor fi zmien sena mil-lum.

Il-Qorti twissi lill-hati bil-konsegwenzi skont il-Ligi jekk huwa jikkommetti reat iehor matul dan il-perijodu ta' liberta' kundizzjonata.

Finalment, il-Qorti wara li rat Artikolu 383 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, torbot lill-hati b'garanzija personali ta' elf Euro (€ 1000) ghal zmien sena millum fil-konfront ta' Wilfred Camilleri.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------